# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 1/2021

29 ta'Jannar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku (b'mod virtwali) |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

1.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal illi l-Viċi Sindku kien avża illi ma kienx ġie rilaxxat mix-xogħol, għaldaqstant ma setax jattendi għal-laqgħa. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

1.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa pubblika. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 12.2.7 (foam tas-sapun għal latrina) kien twaħħal.

1.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fl-aħħar laqgħa meta l-Kunsillier Mark Cocker kien qal li d-dwal tal-Milied mas-siġra quddiem il-kappillan ma kinux ġew sew, hu kellu raġun. Huwa ssuġerixxa illi 'l quddiem id-dwal ma din is-siġra jew isiru maz-zokk tas-siġra inkella ma jsir dwal xejn. Il-Kunsill qabel.

1.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandha ssir korrezzjoni f'punt 12.2.6 għaliex imkien ma hemm indikat illi kien qed jirreferi għall ingaġġ tal-iskrivan/a.

1.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 12.3.4 (żvilupp fi Triq il-Ħajt Ruman) l-objection li kien bagħat kopja tagħha lill-Kunsilliera issa kienet intbaghtet.

1.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 12.5 issa minn dan ix-xahar il-ġardinar kien ser jibda' jaħdem fuq bażi part time għoxrin siegħa fil-ġimgħa. Is-Sindku qal illi l-ġardinar għandu jikkordina mal-Kunsillier Publio Abdilla ftit qabel ma tibda r-rebbiegħa sabiex naraw x'tip ta' fjuri se nixtru u fejn għandhom jitħawwlu.

**Punti mil-laqgħa pubblika.**

1.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 12a.4.6 is-Sur Barbara kienx għadda l-lista ta' xogħolijiet lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-lista kellu jgħaddiha kif spiċċat il-laqgħa pubblika pero' ma kienx għaddihielha.

1.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.3.1 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update tal-proġett tar-roundabout tal-Karwija. Huwa qal illi l-kuntrattur li ser jaħdem fuq dan il-proġett kien mar fuq il-post fejn ġew identifikati ċertu diffikultajiet fosthom li ser ikun diffiċli li jsir underground reservoiur. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur qed jissuġġerixxi li minflok, isiru żewġ tankijiet (li jitgħattew permezz ta' landscaping) fis-soft area fejn hemm il-kamra tal-AFM sabiex ikun jista jsir id-drip irrigation fir-roundabout bil-connections taħt l-art. Is-Sindku spjega ukoll rigward id-diffikultajiet minħabba l-pannelli voltovoltajċi. Il-Kunsill iddiskuta fejn ikun l-aħjar post fejn għandhom isiru l-pannelli sabiex ikollna garanzija tal-enerġija solari kemm fis-Sajf kif ukoll fix-xitwa. Is-Sindku ikkonferma illi dan il-proġett ser isir viċin il-pjan oriġinali tal-Kunsill u s'issa għandu indikazzjoni li kien ser jiġi ffinanzjat mill-MELP.

1.3.2 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update ukoll tal-proġett ta' Ġnien ta' Ball. Huwa spjega li ħafna mix-xogħolijiet issa tlestew u fost ix-xogħolijiet li kien fadal kienu l-bankijiet fuq ix-xorok (fis-sitting area), l-gazebo u l-madum fil-passaġġ in-naħa t'isfel.

1.3.3 Is-Sindku qal li kien bagħat e-mail lill-Kunsilliera rigward l-launch tal-Dimentia Centre f'Ħal Safi li kien ser issir nhar li-Ħamis 25 ta' Frar, 2021. Huwa spjega li minħabba l-pandemija tal-Covid 19 in-numru ta' nies preżenti kien ser ikun ta' 25 persuna. Is-Sindku spjega wkoll illi l-rwol tal-Kunsill wara dan il-launch ser ikun billi nikkordinaw mal-*Active Ageing and Community Care* u nkunu l-punt ta' referenza mal-NGO's, il-komunita' kummerċjali u r-residenti sabiex ikun hawn aktar *awareness* fuq din il-kundizzjoni kif ukoll billi nqassmu l-flyers fil-komunita'.

1.3.4 Is-Sindku spjega illi issa r-Reġjuni kien ser ikollhom rwol akbar minn qabel u li l-Gvern Ċentrali kien ser jgħaddi lir-reġuni l-finanzi meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jimpjegaw nies esperti f'oqsma differenti sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna lill-Kunsill bla ħlas. Il-Kunsill iddiskuta l-professjonijiet li kienu ser jingaġġaw ir-Reġjuni.

1.3.5 Is-Sindku qal illi kien bagħat il-komunikat li konna rċivejna mingħand Transport Malta rigward is-service road li hemm fi Triq il-Kuċċard. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni u reġa' qabel illi l-isleeping police l-aħjar tiġi quddiem il-plot il-vojta u jsiru sinjali mal-art fejn hemm l-entratura minn Triq il-Kuċċard.

1.3.6 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba mill-iskrivan rigward il-ħinijiet tal-Kunsill. Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu jaqbel mat-talba tiegħu pero' l-Kunsill jagħlaq għal nofs siegħa fis-1:00pm imbagħad wara nagħlqu fl-4:00pm. Il-Kunsill qabel.

1.3.7 Is-Sindku qal illi l-iskrivan kien inqabad kwarantina u għalhekk il-Kunsill spiċċa mingħajr skrivan/i, għaldaqstant minħabba din is-sitwazzjoni l-Kunsill kien ser ikun miftuħ għal pubbliku filgħodu biss. Il-Kunsill qabel.

1.3.8 Is-Sindku qal kien irċieva talba għal bozza ġdida fi Sqaq tal-Ġarra għaliex kienu qed isiru xi abbużi minħabba d-dlam. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir l-bozza dejjem jekk hemm arblu diġa'.

1.3.9 Is-Sindku qal illi kien bagħat l-emendi li saru fir-rigward Slow Streets lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva pero' qablu li għandha issir laqgħa oħra apparti sabiex jiġu diskussi l-emendi.

**1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

1.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet irċeviet talba sabiex jiġi nkluż artiklu rigward *Mental Health* f'Leħen il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

1.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-linji bojod fi Triq San Ġorġ kienu għadhom ma sarux.

1.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kien jinħtieġ aktar għarfien rigward is-Servizz ta' Mentoring. Il-Kunsilliera qalet illi għandu jsir flyer fuq is-social media sabiex in-nies jifhmu aktar x'servizz jikkonsisti dan il-Mentoring.

1.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kien hawn persuna li tneħħa mill-impjieg li fil-fehma tagħha seta' qala' warning minflok għan-nuqqas tiegħu. Hija qalet illi meta din il-persuna żebgħet il-linji ma kinitx qed tirrealiżża l-gravita' u mhux b'intenzjoni. Is-Sindku qal illi l-ħaddiema mislufin lill-Kunsill mill-iskema CWSEF huma taħt ir-responsabilita' diretta tieghu u jħoss illi l-agir ta' din il-persuna kien ferm gravi u li hu m'għandux iżjed fiduċja fih u għalhekk ma kellux triq oħra ħlief li jittermina l-ħidma tiegħu minn mal-Kunsill u jintbagħat x'imkien ieħor mill-kumpanija tiegħu.

1.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker irringrazzja l-azzjoni li ttieħdet biex jitnaddaf Ġnien Dun Karm Vella. Huwa qal illi l-ġonna għandhom ikunu kultivati sew, u li l-Kunsill għandu jara jekk jistax isir proġett fi Ġnien t'Amparell.

1.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx beda il-proċess biex isir bil-konkrit jew bi stencil concrete fi Triq il-Kenn. Is-Sindku qal li għal issa ma kienx hemm żviluppi.

1.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-ġimgħa ta' qabel kien hemm reklam sabiex iħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex jidentifikaw postijiet fejn jistgħu isiru ġonna vertikali. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizzjattiva u qabel illi int u dieħel Ħal Safi fi Triq il-Karwija jkun ikun il-post ideali.

1.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-water culverts fi School Streets. Is-Sindku qal li ma kienx hemm żviluppi.

1.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'kien l-użu tal-*yellow box* fi Triq ta' Rqajja'. Is-Sindku qal illi dak il-yellow box ilu diversi snin hemmhekk u ma sarx fi żmien legiżlaturi mmexxija minnu. Jaf biss li darba kien daħal ilment illi dan kien kbir ħafna u kien ħa l-passi biex iċċekken. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nkunu ċerti x'inhu l-użu ta' dan il-garaxx.

1.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi f'waħda mil-laqgħat il-Kunsill kien approva illi fi Triq San Gwann (fejn it-tabib) kien hemm *yellow box* li kienet qed toħloq periklu għas-sewwieqa. Huwa qal illi s-Sindku kellu jiċċekkja ma Transport Malta jekk kellux jitneħħa dan il-*yellow box*.

1.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien indaga fejn jista' jitħawwel xi sardinell. Huwa ssuġerixxa illi fi Ġnien Dum Karm Vella nistgħu nagħmlu l-qsari b'dan is-sardinell li jiswew €2.00-il waħda. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna nixtru 50 xitla.

1.4.12 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq Carmelo Caruana nistgħu nħawlu żewġ siġriet ukoll. Il-Kunsill qabel.

1.4.13 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-problema tal-ilma fix-xelter kinitx issolviet. Is-Sindku qal illi għalkemm konna ċerti li ma kienx drenaġġ il-problema tal-ilma kienet diffiċli li tissolva.

1.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-fanali fi Ġnien Dum Karm Vella kienu fi stat ħażin u staqsa jekk kienx possibbli li jitranġaw u jekk kienx hemm iċ-ċans li titneħħa t-telephone box. Il-Kunsill iddiskuta l-possibbilita' li jsir il-proġett tal-Ġnien Dun Karm Vella u qabel li għad irridu naraw x'ser jiġri għal *underground parking*.

## 1.5 Approvazzjoni Ħatra ta' Skrivana

Is-Segretarju Eżekuttiv tat id-dettalji tal-applikanti li kienu applikaw. Is-Sindku qal illi fuq suġġeriment tal-Bord (li kien jikkonsisti mis-Sindku, Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla) jissuġġerixxi illi l-ewwel persuna ikklassifikata mill-bord tal-għażla għandha timla' l-post vakant għal skrivana Part-Time fuq skala 15.

## 1.6 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

## 1.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/2/2021

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva cirkulari numru spi/sci/2/2021 finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields. Il-Kunsill iddiskuta diversi inizzjattivi u qabel illi għal din l-applikazzjoni l-Kunsill għandu japplika sabiex isir titjib fi Ġnien Dun Karm Vella.

## 1.8 Approvazzjoni Kwotazzjonijiet LCare

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien talab għal diversi kwotazzjonijiet sabiex jinxtara l-ikel għal qtates stray hekk kif hemm stipulat fil-guidelines ta' din l-iskema. Il-Kunsill qabel illi għandna nmorru għall-orħos kwotazzjoni.

## 1.9 Rapporti

Approvazzjoni Budget għas-sena 2021

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget annwali għas-sena 2021 li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa pubblika. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

## 1.10 Korrispondenza

1.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċeviet e-mail mingħand resident fi Triq ta' Gawhar għaliex kien qed jirranġa l-faċċata u ma kienx jixtieq illi t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq jibqgħu mal-faċċata tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna naraw nistgħux jeħlu ma pole minflok.

1.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dakinhar tal-laqgħa l-Kunsill kien irċieva komunikat illi jekk il-Kunsill ma kienx ser juża l-flus tal-LESA li konna applikajna għal Festa Qamar il-Għasel il-fondi kienu ser jintilfu, għaldaqstant il-Kunsill kellu jagħżel inizzjattiva oħra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna napplikaw għal tlett information signs oħra għal Ġnien ta' Ball.

1.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva lment illi fi Triq it-Torri ta' Gawhar qrib it-Triq tal-Karwija kemm ilha li saret it-triq bit-tarmak l-ilma tax-xita mhix qed jaqleb sabiex tintela' l-ġiebja ta' din il-persuna, għaldaqstant qed jitlob sabiex isir culvert minħabba l-ilma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi din trid issir minn Infrastructure Malta aktar u aktar minħabba l-garanzija.

1.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi fi Triq in-Newba l-Kunsill kien irċieva illi hemm reserved parking bay li ma għadx hemm il-bżonn tagħha. Is-Sindku qal illi dan il-parking bay diġa' tneħħa.

1.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

**1.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-8:55pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar, 2021 fl-4.00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |